MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 1053/1995/2

**Joseph Mallia ghan-nom u fl-interess tas-socjeta' kummercjali Conmal Ltd**

**VS**

**Eleno sive Lino Bezzina u n-Nutar Antoine Agius LL.D u Mario Mallia ghal kull interess li jista' jkollu fil-ligi.**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ippremettew illi:

Premess illi b'att tan-Nutar Tonio Spiteri datat 25 ta' Settembru 1992 il-konvenut Mario Mallia deher fuq dak il-kuntratt ghan-nom ta' Maria armla minn Luigi Grech u ttrasferixxa lill-konvenut l-iehor Eleno sive Lino Bezzina it-tlett (3) porzjonijiet art fil-Hamrun kif ahjar deskritti bil-pattijiet mifthiema f'dak l-Att (dokument 'A');

Premess illi l-konvenut Mario Mallia deher fuq l-imsemmi kuntratt fl-interess u ghan-nom ta' Maria Grech bis-sahha taz-zewg prokuri rispettivament datati 15 ta' Settembru 1992 u 25 ta' Settembru 1992 immarkati bhala dokumenti 'B' u 'C' ta' l-ewwel attestata mill-konvenut l-iehor Nutar Antoine Agius LL.D. li wkoll agixxa bhala xhud tal-firma;

Premess illi fil-25 ta' Settembru 1992 stess permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Tonio Spiteri, Eleno sive Lino Bezzina, hekk kif akkwista l-artijiet fuq imsemmija minghand il-konvenut l-iehor Mario Mallia, ttrasferixxa l-istess artijiet bi prezz superjuri ghal dak minnu akkwistati lill-attur (dokument 'D');

Premess illi llum irrizulta li Maria Grech qatt ma tat xi mandat jew prokura favur il-konvenut Eleno Bezzina u fil-fatt iddenunzjat il-kaz lill-Pulizija;

Premess illi fil-fatt illum ittiehdu proceduri kriminali kontra l-imsemmi konvenut Eleno Bezzina stante li pprattika frodi u anke ffalsifika dokument inter alia l-prokura tal-15 ta' Settembru 1992 li biha ddelega l-poter lilu allegatament moghti lill-konvenut l-iehor Mario Mallia biex setgha jigi ppublikat il-kuntratt tat-trasferiment fuq imsemmi minnu lill-konvenut Eleno Bezzina;

Premess illi ghalhekk huwa car li l-attur ghandu nteress li jottjeni dikjarazzjoni li l-prokura tal-15 ta' Settembru 1995 hija falsifikata u li tali falsifikazzjoni saret mill-konvenuti jew min minnhom u dan sabiex ikun jista' jirregola ruhu kemm ghar-rifuzjoni tal-flejjes li hallas fuq l-Att fuq imsemmi u kif ukoll ghall-eventwali kawza ghad-danni

sofferti minnu kontra min jirrizulta eventwalment li huwa responsabbli fil-ligi;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti jew min minnhom ghaliex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq premessi m'ghandiex:

1. tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom iffalsifika l-firma ta' Maria Grech jew kienu konsapevoli li dik il-firma hi falsifikata; u

2. sussegwentement jew indipendentement mill-ewwel talba, jigi wkoll dikjarat li l-prokura tal-l5 ta' Settembru 1992 mmarkata dokument 'B' hija ghal kollox falsifikata u falza u li ghalhekk m'ghandha ebda effett kwalunkwe fil-ligi, b'riserva cara ghal kull azzjoni ghad-danni spettanti lill-attur kontra l-konvenuti jew min minnhom.

Bl-ispejjez u bil-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol.3 tal-process:

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Nutar Antoine Agius LL.D**. a fol. 22 tal-process:

**Jecepixxi bir-rispett:-**

1. illi filwaqt li jaqbel illi l-prokura tal-15 ta' Settembru, 1992, hija falza ghax mhux miktuba u ffirmata mill-esponenti, l-allegazzjoni illi l-esponenti b'xi mod iffalsifika l-firma ta' Maria Grech jew kien konsapevoli li dik il-firma hi falsifikata hija assolutament infondata fil-fatt u fid-dritt;

2. F'kull kaz, kien l-attur li naqas li jaghmel id-debiti ricerki qabel ma ffirma l-kuntratt u, ghalhekk, ma jistax jitlob danni konsegwenza tan-nuqqas tieghu.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal a fol 70;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota tal-konvenut Nutar Agius.

**FATTI**

L-attur u ibnu Mario Mallia kienu marru ma' zewg sensara jaraw bicca art f'Santa Venera. Kienu lahqu ftehim u sar konvenju ma' Eleno Bezzina ghand in-Nutar Marthese Felice u hallew *deposit*. Huma ghamlu r-ricerki u ghaddewhom lin-Nutar Tonio Spiteri li kellu jaghmel il-kuntratt billi n-Nutar Felice ma setghetx. Il-konvenju gie estiz diversi drabi billi Bezzina kien jghidlhom li kien qed isib diffikulta' jgib is-sidien kollha f'daqqa fuq il-kuntratt. Fl-ahhar qalilhom li kien ser jidher hu ghalihom permezz ta' prokura. Kienu saru tlett kuntratti. Fl-ewwel kuntratt Bezzina kien ghamel prokura lill Mario Mallia u dan biegh lill Bezzina l-art in kwistjoni. Sussegwentement Bezzina biegh l-istess art lill Conmal Limited. Kien hemm bidwi fuq dina l-art u Bezzina kien talabhom Lm10,000 li huma hallsuh. Wara li sar l-ahhar kuntratt kienu marru ghandhom is-sidien ta' l-art u staqsewhom jekk kienux xtraw l-art f'St Venera. Dak il-hin huma marru ikellmu lill Bezzina biex jaraw x'inqala u dan qallhom li kien fadal bilanc ta' Lm15,000 x'jithallas. Ghalhekk talbuh biex jiltaqghu mas-sidien biex jaghmlu l-pagament. Kien sar appuntament imma la s-sidien u lanqas Bezzina ma deheru. Meta imbaghad iltaqghu mas-sidien dawn qalulhom li huma ma kienu bieghu xejn u ma kienu ffirmaw l-ebda prokura. Huma marru ghand in-Nutar Spiteri u talbuh kopji tal-kuntratti u dan taghhomlhom u baghthom ghand in-Nutar Agius li kien hareg il-prokuri. Meta marru ghandu u wrewh il-prokuri n-Nutar Agius qalilhom li ma kienx ghamilhom hu. Lill Eleno Bezzina huma kienu tawh xi Lm88,500 dwar dawn il-kuntratti u tawh karozza Peugeot, stmata Lm5,000 bhala parti mill-prezz.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

F’dina l-kawza l-atturi qed jitolbu li l-Qorti tidikjara li l-konvenuti jew min minnhom iffalsifika l-firma ta’ Maria Grech jew kienu konsapevoli li dik il-firma hi falsifikata; u sussegwentement jew indipendentement mill-ewwel talba, jigi wkoll dikjarat li l-prokura tal-l5 ta’ Settembru 1992 mmarkata dokument ‘B’ hija ghal kollox falsifikata u falza u li ghalhekk m’ghandha ebda effett kwalunkwe fil-ligi.

Dwar it-tieni talba m’ghandux ikun hemm dubbju li l-prokura tal-15 ta’ Settembru 1992 hija falza. Dan hu ammess mit-tlett konvenuti. Il-konvenut Nutar Agius ikkonferma dana fix-xhieda tieghu u spjega li kien hu li mar jaghmel rapport lill pulizija dwarha. Il-konvenut Mallia xehed f’dan is-sens ukoll f’dina l-kawza. Il-konvenut Bezzina ammetta li l-prokura hija falza izda li qal li mhux hu ffalsifikaha.

Dwar min iffalsifika l-prokura riferibilment ghall-ewwel talba attrici f’dina l-kawza, gie pruvat li l-falsifikazzjoni saret mill-konvenut Bezzina. Dan jirrizulta mis-segwenti. Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza taghha fl-ismijiet G. Grech vs  E. Bezzina et deciza fil- 27/101997  ara fol 148 fejn dina l-Qorti kienet diga ddikjarat  li l-kuntratti in kwistjoni huma nulli billi saru b’prokura falza maghmula minn Bezzina. Dika d-decizjoni ma gietx appellata minn Bezzina (ara fol 153).  Fis-sentenza  M. Mallia noe vs E Bezzina et  deciza fis-6 ta’ Marzu 2003 (ara fol 248)  gie deciz ukoll li l-falsifikazzjoni saret minn Bezzina u dan ma kienx appella minn dika s-sentenza. Inoltre fil-kumpilazzjoni Il-Pulizija vs E. Bezzina deciza fil-28/7/2000 (ara fol 165) il-konvenut Bezzina (allura imputat) kien instab hati ta’ falsifikazzjoni ta’ prokura u li ghamel uzu minnha. Hu appella minn dika s-sentenza izda l-appell tieghu kien limitat ghall-kwistjoni tal-piena biss u mhux il-mertu (ara sentenza Qorti ta’ l-Appell 13/2/2001 fol 333).

Fil-kawza fuq riferita a fol 248 Mallia vs Bezzina (GCD) gie stabilit li l-konvenut Nutar Agius ma kellux x’jasam mal-falsifikazzjoni tal-prokura, u dan gie konfermat minn Bezzina f’dina l-kawza. B’riferenza ghall ewwel talba attrici mbaghad una volta stabilit li l-prokura giet falsifikata mill-konvenut Bezzina, l-Qorti m’ghandhiex ghalfejn tmur oltre.

Jigi rilevat li ma giex pruvat mill-atturi li l-konvenut Nutar Agius kien f'xi mument qabel saru l-kuntratti konsapevoli ta' xi prokuri foloz,

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-konvenut Bezzina ffalsifika l-firma ta' Maria Grech;
Tiddikjara li l-prokura tal-15 ta' Settembru 1992 mmarkata dokument 'B' hija falza u li ghalhekk m'ghandha ebda effett kwalunkwe fil-ligi.
Tillibera lill konvenut Mallia u Agius mill-osservanza tal-gudizzju
Spejjez kollha ghal konvenut Bezzina.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------